**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 18**

**It-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.38 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor Adrian Delia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti. L-Onor. Clayton Bartolo ġie sostitwit minn Alison Zerafa Civelli

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 17 li saret it-Tnejn, 22 ta' April 2024, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAL-INĠINIER JONATHAN SCERRI GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON TAL-BORD TAL-AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-KOMUNIKAZZJONI**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru tal-Ekonomija, Intrapriża u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri, riċevuta mill-Parlament nhar it-22 ta' April 2024, dwar in-nomina tal-Inġinier Jonathan Scerri għall-ħatra ta' Chairperson tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni.

Il-Kumitat stieden lill-Inġ. Scerri sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

L-Inġ. Jonathan Scerri daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lill-Inġ. Scerri li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

L-Inġ. Jonathan Scerri ta rendikont tal-karriera tiegħu fis-settur pubbliku kif ukoll dak privat. Gradwa 30 sena ilu u ħadem fl-ambitu ta' servizzi u manifattura bħala Inġinier. Huwa spjega li kiseb esperjenza fi rwol regolatorju f'kumpanija tal-farmaċewtika fejn jista' japplika dak li tgħallem.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni bbażati fuq dawn il-mistoqsijiet.

Fil-5.27 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lill-Inġinier Jonathan Scerri u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.34 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tal-Inġinier Jonathan Scerri għall-ħatra ta' Chairperson tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni, il-membri tal-Kumitat talbu li jivvotaw individwalment.

Il-Kumitat ivvota hekk:

| **VOTAZZJONI NRU 4** | **ĦIN: 5.34 p.m.** |
|---|---|
| **Favur: 4** | **Kontra: 3** |
| L-Onor.<br>Chris Agius<br>Andy Ellul<br>Amanda Spiteri Grech<br>Alison Zerafa Civelli | L-Onor.<br>Karol Aquilina<br>Adrian Delia<br>Julie Zahra |

Il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.35 p.m. il-Kumitat stieden lill-Inġinier Jonathan Scerri jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

L-Inġ. Jonathan Scerri daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairperson tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni ġiet approvata mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru tal-Ekonomija, Intrapriża u Proġetti Strateġiċi,  l-Onor. Silvio Schembri.

L-Inġinier Jonathan Scerri rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.36 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**